L-Erbgħa 17 ta' Diċembru 2014

P8_TA(2014)0089

Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2014: Dħul minn multi, ħlasijiet ta' imgħax, rimborżi u ħlasijiet lura – Approprjazzjonijiet ta' ħlas – Persunal tal-Kummissjoni, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2014 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, Taqsima III – Il-Kummissjoni (16740/2014 – C8-0289/2014 – 2014/2036(BUD))

(2016/C 294/26)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, adottat b'mod definittiv fl-20 ta' Novembru 2013 ([2]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta dwar l-approprjazzjonijiet ta' ħlas mill-Parlament, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni (dikjarazzjoni konġunta tat-12 ta' Novembru 2013), kif miftiehma fil-konklużjonijiet konġunti tat-12 ta' Novembru 2013 ([3]), kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni dwar l-approprjazzjonijiet ta' ħlas, kif miftiehma fl-istess konklużjonijiet konġunti,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ([4]) (ir-Regolament QFP'),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ([5]) (FII),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej ([6]),

— wara li kkunsidra l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2014, adottat mill-Kummissjoni fit-28 ta' Mejju 2014 (COM(2014)0329),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza fl-2014, adottata fit-28 ta' Mejju 2014 (COM(2014)0328),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet konġunti approvati mill-Parlament u mill-Kunsill fit-8 ta' Diċembru 2014,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2014 adottata mill-Kunsill fit-12 ta' Diċembru 2014 u li ntbagħtet lill-Parlament Ewropew dakinhar stess (16740/2014 – C8-0289/2014),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 88 u 91 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

([1]) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 51, 20.2.2014, p. 1.
([3]) Testi adottati tal-20 ta' Novembru 2013, P7_TA(2013)0472.
([4]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
([5]) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.
([6]) ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17.

L-Erbgħa 17 ta' Diċembru 2014

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Iżvilupp,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A8-0069/2014),

A. billi l-abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 3/2014 għall-baġit ġenerali tal-2014 kif preżentat oriġinarjament mill-Kummissjoni jipproponi li jiżdiedu kemm il-previżjoni tad-dħul li jirriżulta minn multi u penali, u dħul ieħor b'EUR 1 568 miljun u kemm l-approprjazzjonijiet ta' ħlas b'EUR 4 738 biljun fl-intestaturi 1a, 1b, 2 u 4 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP), bil-għan li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' ħlas sal-aħħar tas-sena billi jiġu koperti l-obbligi li jirriżultaw minn impenji passati u attwali;

B. billi l-implimentazzjoni tal-QFP 2014-2020 bdiet b'ammont enormi ta' ħlasijiet arretrati, b'kontijiet mhux imħallsa li kienu jammontaw għal madwar EUR 23 400 miljun fi tmiem l-2013 għall-Politika ta' Koeżjoni waħedha u livell ta' impenji pendenti (RAL) li laħaq il-EUR 221,7 biljun fl-aħħar tal-2013, i.e. EUR 41 000 miljun aktar mill-ammont li ġie previst oriġinalment meta ntlaħaq il-qbil dwar il-QFP 2007-2013;

C. billi, mit-total tal-ABE Nru 3/2014, EUR 99 miljun biss huma intenzjonati biex ikopru l-programmi għall-2014-2020 taħt il-politika ta' koeżjoni, il-bqija għandhom x'jaqsmu mal-għeluq tal-programmi tal-2007-2013 (EUR 3 296 miljun) u l-ħtiġijiet ta' ħlas li joħorġu minn intestaturi oħra (EUR 1 340 miljun);

D. billi l-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni impenjaw ruħhom permezz tad-dikjarazzjoni konġunta tat-12 ta' Novembru 2013 li jiżguraw li l-Unjoni jkollha l-mezzi finanzjarji disponibbli biex tkopri l-obbligi ġuridiċi tagħha fl-2014 billi tissalvagwardja progressjoni b'ordni tal-ħlasijiet u billi tirrikorri għal diversi mekkaniżmi ta' flessibilità inklużi fir-Regolament QFP, inkluż l-Artikolu 13 (il-marġni ta' kontinġenza);

E. billi xi delegazzjonijiet fil-Kunsill esprimew riżervi rigward l-użu tal-marġni ta' kontinġenza fl-ABE Nru 3/2014, li l-Parlament jikkunsidra tħassib mhux ġustifikat u li jmur kontra l-ispirtu tar-Regolament QFP u l-FII;

1. Jieħu nota tal-ABE Nru 3/2014 kif propost mill-Kummissjoni;

2. Japprova l-konklużjonijiet konġunti miftiehma mill-Parlament u mill-Kunsill fit-8 ta' Diċembru 2014 bl-għan li jiġi previst tisħiħ fil-pagamenti, fil-baġit tal-2014, fuq għadd ta' intestaturi baġitarji sal-livell ta' EUR 4 246 miljun, li minnhom EUR 3 168 miljun se jkunu mobilizzati permezz tal-Marġni ta' Kontinġenza għall-2014;

3. Jilqa', b'mod partikolari, iż-żidiet fl-approprjazzjoni ta' ħlas għall-Intestatura 1a u l-Intestatura 4, li b'mod ġenerali inżammu fil-kompromess finali deskritt fil-konklużjonijiet konġunti tat-8 ta' Diċembru 2014;

4. Jilqa' ż-żieda fl-approprjazzjonijiet ta' ħlas għall-Intestatura 1b li hi l-qasam ewlieni effettwat min-nuqqas ta' pagamenti fil-baġit tal-Unjoni b'mod ġenerali; jikkunsidra, mandankollu, li dan huwa l-minimu assolut biex jiġu koperti l-ħtiġijiet effettivi sa tmiem l-2014 u mhux se jkunu biżżejjed biex ikopru l-effett ta' valanga rikorrenti tal-kontijiet mhux imħallsa li ilu jespandi mill-baġit tal-2010; ifakkar, b'mod partikolari, li l-maġġoranza tal-fatturi taħt l-intestatura 1b tradizzjonalment mressqa mill-Istati Membri lejn l-aħħar ta' kull sena finanzjarja bil-ħsieb li jiġu evitati diżimpenji possibbli minħabba l-applikazzjoni tar-regoli N+2 u N+3;

5. Jappoġġa l-proposta għall-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza u jissottolinja l-interpretazzjoni tiegħu tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament QFP li l-pagamenti marbutin mal-istrumenti speċjali jridu jingħaddu oltre limiti massimi; jemmen li kwalunkwe interpretazzjoni oħra ddgħajjef il-bażi għall-qbil politiku dwar il-QFP 2014-2020, speċifikament il-fehim li għandha tiġi implimentata flessibilità speċifika u massima li tippermetti li l-Unjoni tissodisfa l-obbligi tagħha;

L-Erbgħa 17 ta' Diċembru 2014

6. Ifakkar li l-adozzjoni tal-ABE Nru 3/2014, l-ABE Nru 4/2014, l-ABE Nru 6/2014, u l-ABE Nru 8/2014 se tnaqqas is-sehem tal-kontribuzzjoni DGN mill-Istati Membri għall-baġit tal-Unjoni b'total ta' EUR 8 688 miljun, u għalqdaqstant se tikkumpensa kompletament il-ħtiġijiet ta' ħlas addizzjonali rikjesti fl-ABE Nru 3/2014, kif maqbul fil-konklużjonijiet konġunti tat-8 ta' Diċembru 2014;

7. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2014;

8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiddikjara li l-Baġit Emendatorju Nru 2/2014 ġie adottat b'mod definittiv u jiżgura li jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.